*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

# Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 40*

***5.30p.m 13 ta' Jannar 2022***

## *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina – Kunsillier

## *Assenti b'apoloġija*

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

## *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa online.

### *40.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

40.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier is-Sur Francis Debono u l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia talbu li jiġu skużati.

## *40.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

40.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 39. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *40.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

40.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fil-Ministeru tal-Intern ġie mwaqqaf unit ġdid li jismu Returns Unit fejn dawn ser ikunu qed jiffukaw fir-ripatrijazzjoni volontarja t'immigranti. Huma ltaqgħu miegħu personalment sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmel promozzjoni ta' din l-inizjattiva fi ħdan il-Ministeru bil-għan li jintlaħqu aktar nies li jixtiequ jirritornaw f'pajjiżhom, u jibdew ħajja ġdida anke bil-benefiċċji finanzjarji li dan il-unit ser ikun qed joffri.

40.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ż-żmien meta l-lokalita' tal-Marsa kienet maqsuma f'diversi distretti tal-Pulizija spiċċa hekk kif issa l-Marsa saret distrett tal-Pulizija wieħed skond il-konfini tal-Kunsill Lokali.

40.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kalendarju 2022 li jikkommemora s-Sena Kulturali ser jiġi mqassam f'Jum il-Marsa li ser tiġi ċċelebrata b'quddiesa fit-8.30a.m fil-parroċċa ta' Marija Reġina. Wara l-quddiesa s-Sur Pawlu Dimech ser ikun qed jitkellem dwar l-istorja tal-lokalita' bir-ritratti li hemm fil-kalendarju.

## *40.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

40.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li ftit tal-ġranet ilu l-kunsilliera rċevew email biex juru l-opinjoni tagħhom dwar liema emblema tal-Belt Kulturali toġgħobhom. Huwa qal li kien ikun ferm aktar addattat jekk il-kunsilliera ikunu ġew madwar il-mejda u kulħadd seta' jpoġġi l-idejat tiegħu u jiddiskuti. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel li l-aħjar huwa dak li qed jissuġġerixxi l-Viċi Sindku, madankollu, l-affarijiet tant kienu qed jipproċedu b'rata mgħaġġla li ma kienx hemm dan

iċ-ċans li jsir hekk. Is-Sindku jemmen li l-emblema li ngħażlet kienet tajba ħafna hekk kif hemm ir-rabta mall-Marsa li huwa post marittimu.

40.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ressaq punt dwar iż-żona tal-korsa fejn bħalissa għaddej fuq xogħol regolari ta' tindif ma kumpanija li qed inaddfu t-toroq b'mod volontarju. Madankollu, saħaq il-Kunsillier Pace għad hemm ħafna xogħol li jrid isir fir-rigward tal-knis, nuqqas ta' dawl u sigurta' fiż-żona tal-korsa. Huwa aċċenna li l-Kunsill qed jonfoq il-flus f'dak li jirrigwarda l-knis. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal fir-rigward tal-knis, il-Kunsill qed jagħmel rassenja biex inkunu ċerti li l-kenniesa qed jagħmlu xogħol u jindikaw liema huma l-postijiet li ġew imnaddfa. Apparti hekk il-kenniesa fiż-żona tal-korsa jmorru tlett darbiet fil-gimgħa u kemm-il darba dar dawra maż-żona u ġieli ra li sar it-tindif u ġieli ra li ma sarx. Is-Sindku spjega ukoll li kull gimgħa jibgħat il-kuntrattur ħalli jiġbor kull ma jsib sall-aħħar tal-gimgħa.

40.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-Kunsill Lokali tal-Marsa kien l-uniku Kunsill li għamel gimgħa attivitajiet matul ix-xahar tal-Milied. Il-Kunsillier spjega li jixtieq itella' drama dwar l-istorja tal-lokalita' speċjalment f'dan iż-żmien tas-sena kulturali. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma din il-proposta għaliex huma idejat tajbin pero' saħaq li huwa importanti li l-Kunsill ikollu l-costings f'idejħ .

40.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li dwar l-attivita' tal-29 ta' Jannar, din ser tilħaq livell għoli, u li fiha ser jieħdu sehem kantanti li huma magħrufin, kif ukoll oħrajn lokali. Huwa appella li jekk il-Kunsilliera jafu xi persuni li jixtiequ jesponu t-talent tagħhom, dan għadhom fiċ-ċans li jagħmluħ. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li ser ikun hemm l-parteċipazzjoni tal-għaqdiet tal-lokal.

40.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer xtaq ifakkar il-Kunsill dwar il-proposta tiegħu f'laqgħa preċedenti biex issir publikkazzjoni ta' ktieb għall-kbar u ktieb ieħor għat-tfal dwar l-istorja tal-lokal għas-sena kulturali. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel li jsir dan pero' xtaq jara jekk hemmx xi fondi mill-Malta Arts Council għal dan il-għan.

40.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer spjega lill-Kunsill li l-quddiem ser ikun qed iressaq aktar dettalji dwar il-pasturi u l-presepji għall-attivita' tal-Milied ta' din is-sena, l-proposta ta' projection fuq il-faċċata tal-Knisja tas-Ssma. Trinita' liema ammont tista' tkun tlaħħaq madwar l-€35,000. Apparti hekk qiegħed f'diskussjoni mas-Sur Alan Briffa, li għamel il-presepji sabiex jagħmel kors bażiku tal-presepji, u f'dan ir-rigward il-Kunsillier ser ikun qed iġib aktar informazzjoni sabiex dawn jitilgħu f'seduti oħra.

40.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li fi Frar nistgħu nerġaw ntellgħu l-qarċilla u tista' tiġi wkoll il-Guggen Band. Is-Sindku qal li dawn id-dettalji ser ikunu għad-decijoni tal-Kunsill iktar il-quddiem.

40.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li fil-Marsa ser ikun hawn l-Special Olympics, li huwa ta' livell internazzjonali u tajjeb li l-Kunsill ikun involut. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi jaqbel perfettament li l-Kunsill ikun involut f'avventiment daqshekk importanti.

## *40.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

40.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 01/2022 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

## *40.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

40.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li s-Soċjeta' Mużikali Trinita' Qaddisa għamlet kunċert tal-Milied u talbet għall-reklamar ta' materjal stampat għall-prezz ta' €250. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

.

40.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li d-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strategija u Implimentazzjoni ta' Policy ħarġet skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022 bies tassisti l-Kunsilli f'attivitajiet kulturali. Is-Sindku qal li huwa jixtieq li l-Kunsill japplika sabiex iġib fil-lokal proposta tal-Living History li bil-prezz ta' €5,000 jagħmlu ġurnata fil-Marsa libsin b'kostumi tat-Tieni Gwerra Dinjija u l-wasla tal-George Cross. Apparti hekk is-Sindku jixtieq japplika għall-street art bħalma ġieli sar fix-xatt tas-Sliema. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

# *40.7 Konsultazzjoni – Marsa Żona ta' Riġenerazzjoni*

40.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-ideja tal-konsultazzjoni hija li jinbidel ix-xatt tal-Menqa min wieħed industrijali għal wieħed turistiku. Filwaqt li s-Sindku jaqbel mall-proposti li tpoġġew mill-Planning Authority xtaq iżid dawn il-punti li ġejjin; li t-triq min fejn Għajn Dwieli tinfetaħ u tibqa sejra sall-Menqa, ikun hemm il-kostruzzjoni tal-bridge l-antik, il-PA tagħti grants lis-sidien tal-propjeta biswit ix-xatt sabiex dawn jinvestu fiż-żona. Apparti hekk issir SRA (Special Residential Areas). Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li meta saru SRA's fl-lokalitajiet oħra dawn raw influss ta' investiment u riġenerazzjoni. Il-Kunsillier qal ukoll li irid ikun hemm żoni residenzali ġodda fejn ikun hemm aktar aċċessibilita' għal kulħadd u anke multi storey parking. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet il-Kunsilliera s-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

# *40.8 Applikazzjoni fuq garaxxijiet ħdejn iċ-Ċimiterju tat-Torok;*

40.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li għat-tielet darba hemm applikazzjoni biex jinbnew garaxxijiet fejn hemm iċ-Ċimiterju tat-Torok għaxar metri biss il-bogħod. Dan il-monumen, gawra nazzjonali li tinsab il-Marsa tgawdi mill-ogħla grad ta' konservazjoni mill-Planning Authority. Is-Sindku qal li fl-imgħoddi l-Kunsill oġġezzjona għal bini tal-garaxxijiet u jixtieq jitlob l-Kunsill l-approvazzjoni sabiex is-Sindku jkun fil-bord u jkun jista' jivvota kontra dan il-proġett fis-26 ta' Jannar. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *40.9 Belt Kulturali – Press Conference/Attivitajiet Jannar, Frar u Marzu*

40.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dwar il-press conference mall-Ministru Herrera ser tinstab data alternattiva min dik li l-Kunsill ġie nfurmat biha. Sadanittant, is-Sindku xtaq jidħol ftit fid-dettalji tal-attivitajiet li ser ikunu qed isiru matul it-tlett xhur li ġejjin nibdew b'dak tad-29 ta' Jannar, li hija waħda mill-attivitajiet ewlenin ta' din is-sena u ser tiftaħ s-sena t'attivitajiet. Ser ikun hemm tinda ħdejn il-Parroċċa tas-Ssma. Trinita' fejn ser ikun hemm talent ta' kantanti Marsin kif ukoll kantanti ta' fama nazzjonali. Sadanittant, il-Ministru Herrera, flimkien mas-Sindku u l-Kunsilliera ser ikunu qed jiftħu installazzjoni sabiħa fejn il-funtana ta' Triq Isouard ma Triq Qormi.

40.9.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-attivita' ta' Frar ser tkun marbuta mall-Karnival flimkien mall-iskola fejn dawn ser ikunu qed jagħmlu maskli, premijiet, kostuni u karrijiet zgħar fejn ir-rebbieħa ser ikunu qed jingħataw premijiet sbieħ. Is-Sindku talab lill-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer jekk hux possibli li nkellmu l-Festivals Malta sabiex dawn jagħtuna karrijiet statiċi li jistgħu jitpoġġew madwar il-lokalita'. Il-Kunsillier Spencer issuġġerrixxa li l-Qarċilla din is-sena ssir fis-sala tas-Sorijiet, filwaqt li l-prezzijiet jingħataw il-quddiem. Apparti hekk hemm kwotazzjoni sabiex il-Guggen Band għal din is-sena ukoll jerġaw jagħmlu l-Vintage Bus tal-Karnival għall-prezz totali ta' €5,000. Wara diskussjoni fost dawk preżenti l-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda u l-vot favur li jsir dan il-programm inkluż il-Vintage Bus kien wieħed unanimu.

40.9.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li għal Marzu ser issir wirja tal-platti bil-melħ fil-bini tal-Kunsill u li din ser tkun miftuħa għal kull tip ta' arti sew dik sagra kif ukoll dik profana.

## *40.10 Jum il-Marsa 2022*

40.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma li għal Jum il-Marsa l-Kunsill ser ikun qed jipparteċipa f'quddiesa ta' rajd il-ħajr fil-Parroċċa ta' Marija Reġina nhar il-Ħadd fit-8.30 ta' filgħodu u wara l-quddiesa ser ikun hemm is-Sur Pawlu Dimech li ser ikun qed jagħti dettalji tal-istorja tal-Marsa permezz tal-kalendarju li ġie ppublikat u li ser ikun qed jiġi mqassam għall-ewwel darba dakinhar stess.

## *40.11 Vann – Servizz għall-Anzjani*

40.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi xtaq jinforma lil dawk preżenti li l-vann tal-Kunsill wasal u qed nistennew il-proċess biex dawn jitwaħħlilhom l-istickers bl-arma tal-lokalita', l-logo taas-Sena Kulturali 2022 u dak tal-Ministeru tal-Gvern Lokali flimkien ma dawn ta' VJ Salomone. Huwa wera' l-istampi lil dawk preżenti. L-uniku problema l-Kunsill għadu qed jaffaċja hija li m'għandnux driver min isuqu. Dan hekk kif matul dawn l-aħħar xhur ħsibna li seta' jsuqu l-Community worker li għandna fil-Kunsill u ftit tal-gimgħat ilu nfurmana li dan m'għandux liċenzja. Filwaqt li dan kien disappunt kbir, l-Kunsill irid jara kif ser isib driver biex isuqu u idejalment il-persuna tkun mill-Community Workers Scheme. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet fuq dan, il-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina ssekondat u l-vot favur kien unanimu.

## *40.12 Performance Bonus tas-Segretarju Eżekkutiv*

40.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq il-*performance appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert. Wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti, s-Sindku ppropona li s-Segretarju Eżekutiv jingħata l-massimu tal-performance bonus li huwa ta' 10%. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *40.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

40.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.45pm u ġiet aġġornata għad-9 ta' Frar fit-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv